MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru 1089/2006

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**JOHNATAN JAMES BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jonathan James Borg ta’ 25 sena, bin Henry Joseph u Maria Anne nee’ Darmenia, mwieled High Wycombe, Buckinghamshire, l- Ingilterra, nhar l- 15 ta’ Frar 1981, u residenti fil- fond 11, Triq Dun Gwann Zammit Hammett,

Balzan , detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 198086(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) F’dawn il- Gzejjer f’ Marzu 2006 u fix- xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe, ha u zamm ghandu flus tal- Mosta Technopark Tenants Association, liema flus jeccedu s-sebat elef Lira Maltin, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l- professjoni , industrija, kummerc , amministrazzjoni , kariga jew servizz tieghu;

2) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi s- sebat elef Lira Maltin ghad- dannu tal- Mosta Technopark Tenants Association;

3) U aktar talli f’dawn il- Gzejjer , f’xi perjodu bejn is- 17 u d- 19 ta’ Mejju 2006, ghamel flasifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl- iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dizpozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5) U aktar talli fl- istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat, fi stadju ta' eghluq tal-provi tieghu, irregistra ammissjoni, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi l-imputat, fis-seduta precedenti, kien hallas l-ammont mitlub mill-parte civile, minghajr pregudizzju ghall-mertu u ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza damet tinstemgha minn din il-Qorti ghal madwar sentejn, fejn gew prodotti diversi xhieda u dokumenti miz-zewg nahat. In vista tal-ammissjoni tal-istess imputat, il-Qorti m'hix ser tidhol fil-mertu u tezamina dawn il-provi kollha prodotti mill-partijiet. Inoltre, in vista ukoll tal-pagament maghmul mill-imputat fil-mori tas-smigh tal-provi tieghu, il-Qorti tista' tkun aktar klementi mal-imputat fil-konsiderazzjoni tal-piena.

Madankollu, il-Qorti tosserva li din il-kawza kienet ikkontestata bis-shih mill-imputat, u gew prodotti minnu

diversi dokumenti bhala prova in sostenn tax-xhieda tieghu. Kien biss ghax l-istess imputat inqabad fuq sieq wahda – jew ahjar, fuq l-ebda sieq – meta irrisulta b' mod car li uhud mid-dokumenti esebiti fl-istadju tal-provi tad-difiza kienu huma stess inveritieri, li l-imputat hallas l-ammont mitlub minnu u rregistra ammissjoni, u dan qed jinghad minn din il-Qorti bi prudenza kbira, biex ma jinghadx li l-imputat ipprova jqarraq bil-Qorti u ippresenta dokumenti li kien jaf, jew messu kien jaf, li kienu foloz. Izda dawn l-istess dokumenti, flimkien max-xiehda tal-imputat, gew irtirati formalment minnu, u allura l-Qorti m'hijiex ser tiehu ebda provvediment ulterjuri f' dan ir-rigward, u m'hix ser tikkummenta aktar fuq dawk l-istess dokumenti esebiti minnu.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra biss izzomm milli tidhol fis-sehh piena ta' prigunerija effettiva peress illi sari l-hlas kif inghad, u ghalkemm tard, saret ammissjoni ukoll. Il-Qorti ghalhekk tispera li l-imputat tghallem u ddispjacih bir-reat li hu wettaq, u waqaf milli jkompli jipprova jghatti r-reat li wettaq. Ghalhekk perijodu ta' sorveljanza fuq l-imputat permezz ta' sentenza sospiza ghandha tkun idoneja fic-cirkostanzi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 293, 294, 310 (1) (a), 308, 309, 183, 184, 189 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------